*PACTA SUNT SERVANDA*

*AMMISSIBILITA' TA' PROVI*

*PROVA TA' HLAS*

*KONFLIGGENZA TA' PROVI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2018

**Kawza Numru : 19**

**Rikors Guramentat Numru : 824/2012 LSO**

**Joseph Mary Chircop (ID0650544M) u martu Jennifer Ann Chircop (ID0036549A)**

**vs**

**Tony Muscat (ID 0084485M) u martu Frida Muscat (ID0382075M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Mary Chircop u martu Jennifer Ann Chircop ta' karta ta' identita' numru 0650544M u 0036549A datat 20 ta' Awwissu 2012 fejn bir-rispett u bil-gurament taghhom ikkonfermaw:-

Illi permezz ta' zewg skritturi privati datati l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) l-esponenti ikkoncedew b'titolu ta' self a favur l-intimati li accettaw taht l-istess titolu ta' self is-somom ta' sebgha u ghoxrin elf ewro (€27,000) u tmintax (18)-il elf ewro (€18,000) rispettivament, b'total ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000);

Illi skont l-iskrittura privata datata l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) l-intimati obbligaw ruhhom li jhallsu lill-esponenti f'pagamenti ugwali ta' sebgha mija u hamsin ewro (€750) fil-gimgha bl-ewwel pagament li kellu jsir fis-(7) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan sakemm tithallas lura s-somma mislufa kollha;

Illi skont l-iskrittura privata datata hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) l-intimati obbligaw ruhhom li

jhallsu u jroddu lura s-somma dovuta kollha f’pagamenti ugwali ta' mitejn ewro (€200) fil-gimgha u liema pagament jibqa' jithallas kull gimgha sakemm tithallas lura s-somma kollha;

Illi dan l-ammont ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000) jirrapprezentaw l-ammont totali ta' self li l-esponenti sellfu lill-intimati skont zewg skritturi privati mmarkati Dok JMC1 u Dok JMC2;

Illi l-esponenti qatt ma rcivew hlas lura ta' l-ammonti mislufa b'dan li l-intimati naqsu milli jonoraw il-ftehim ta' l-iskritturi privati indikati iktar ‘il fuq b'hekk l-ammont totali dovut mill-intimati lill-esponenti huwa ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000);

Illi ghalhekk l-intimati huma dovuti jhallsu l-ammont ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000);

Illi peress li l-intimati qatt m'ottemporaw ruhhom ma' l-iskritturi datati hawn fuq imsemmija u ghalhekk ma baqghetx tottempora ruhha ma' l-iskrittura l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u kif wkoll dik tal-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), huma ghandhom minnufih ihallsu l-ammont ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000);

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex l-intimati jhallsu l-ammont hawn fuq huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi peress li dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut lill-atturi rikorrenti huma tal-fehma li l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant, u *in vista* tas-suespost, l-esponenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza *a tenur* ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lill-intimati debituri ta' l-esponenti fl-ammont hamsa u erbghin elf ewro (€45,000);

3. Tikkundanna u tordna lill-intimati jhallsu lill-esponenti l-ammont hekk dovut flimkien ma' l-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012.

Rat ir-risposta ta' Tony Muscat (ID 84485M) u martu Frida Muscat datata 14 ta' Jannar 2013 a fol 14 tal-process fejn esponew :

1. Illi t-talbiet attrici huma fondati biss *in parte stante* li l-esponenti ghandhom jaghtuhom biss €18,000 u mhux iktar u dana kif se jigi pprovat fil-mori ta' din il-kawza.

Rat in-nota ta' Tony Muscat (ID 84485M) u martu Frida Muscat (ID 0382075M) datata 11 ta' Frar 2013 a fol 17 tal-process li biha filwaqt li rrilevaw illi r-risposta giet ipprezentata fl-14 ta' Jannar 2013, qed jipprezentaw nota spjegattiva.

Rat is-surroga datata 13 ta' Frar 2014 a fol 39 tal-process fejn din il-kawza giet assenjata biex tinstema' quddiem il-Qorti kif illum hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Marzu 2014 (fol 41) quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn il-kawza giet differita ghat-8 ta' Mejju 2014 fid-9:30am ghall-informazzjoni u sabiex tigi stradata.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Tony Muscat (ID 0084485M) u martu Frida Muscat (ID 0382075M) datata 25 ta' April 2018 a fol 173 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 15 ta' Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Marie Elise Agius ghall-konvenuti. L-atturi u d-difensur taghhom imsejha tliet darbiet ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti b'digriet ta' surroga datat 13 ta' Frar 2014.

Illi din il-kawza titratta dwar allegat bilanc ta' self tas-somom mislufa li jidhru fl-iskritturi esebiti Dok JMC1 u Dok JMC2.

L-intimati laqghu ghat-talba billi eccepew li t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati *in parte stante* li ghandhom ihallsu biss €18,000. Gie eccepit ukoll li fil-kuntratt datat 1 ta' Dicembru 2011, ma gewx mghoddija l-ebda flus fl-ammont ta' €27,000 izda dawk jirraprezentaw l-imghax li r-rikorrenti hadmulhom fuq l-ammont misluf ta' €18,000, li huma kienu rcevew f'Dicembru 2011, u li diga hallsu ammonti minn dak l-ammont ta' €27,000. Gie sostnut li fl-iskrittura tal-5 ta' Lulju 2012, kull ma sar kien li ffirmaw ghas-somma ta' €18,000 li kienu hadu precedentement. L-intimati qed jopponu ghat-talbiet billi qed jikkontestaw l-ammont ta' €27,000 *stante* li tali somma inhadmet fuq l-uzura u mhux bl-interessi legali.

**Fatti:**

Jirrizulta li saru zewg skritturi privati iffirmati mill-partijiet, Dok JMC1 datat 1 ta' Dicembru 2011 fejn inghata self fl-

ammont ta' €27,000, u l-intimati obbligaw ruhhom ihallsu pagamenti ta' €750 fil-gimgha. Min-naha l-ohra fl-iskrittura esebita Dok JMC2 datata 5 ta' Lulju 2012, ghas-somma ta' €18,000, fejn l-intimati obbligaw ruhhom li jhallsu lura l-flus f'pagamenti ta' €200 fil-gimgha. Illi r-rikorrenti qed jipprocedu ghall-pagament ta' dawn l-ammonti *stante* li ghadhom ma thallsux.

**<u>Provi:</u>**

**Joseph Mary Chircop** xehed permezz ta' affidavit (fol 24-25) qal li wara li kien ilu jaf lill-intimat ghoxrin sena, u kien talbu biex jissellef minghandu. Semma li kien beda jsellfu l-flus fl-2011, f'ammonti ta' €3000, u bdew jizdiedu b'ammonti ohra ta' €3,000 u anke €5,000. Meta ra li l-ammont misluf kien wassal ghal €27,000, qallu biex imorru ghand in-Nutar. Spjega li peress li l-intimat kien qed jitlob aktar flus ghal ammont li jwassal ghal €45,000, kien qallu biex imorru jaghmlu skrittura ghand in-Nutar ghall-ammont shih ta' €45,000. Izda qal li Tony Muscat ma accettax peress li kien baqaghalu jsellfu l-ammont ta' €18,000. Ghalhekk fl-1 ta' Dicembru 2011 kienu ghamlu l-ewwel skrittura Dok JMC1 li tindika li kien sellfu l-ammont ta' €27,000 u sussegwentement Tony Muscat kien beda jitlob l-ammont ta' €18,000 u riedhom qabel Dicembru ta' dik is-sena stess u b'hekk kien mar l-Ingilterra u gibed dawn il-flus mill-Bank fejn kienu mizmumin. Qal li hallashom lil *manager* tal-intimat quddiem l-intimat stess peress li kellu jhallas dan id-dejn lilu. Semma li l-intimat kien hallsu l-ammonti ta' €750, €500 u €300 lura u ghandu r-ricevuti izda mbaghad waqaf bil-hlasijiet. Qal li Tony Muscat beda

jgib diversi skuzi biex la jhallas u lanqas jigi jiffirma t-tieni skrittura ghand in-Nutar, u meta spjega dwar il-htiega li jaghmel it-tieni kuntratt lil martu, kienet iffirmatu martu u hadulu x-xoghol biex jiffirma t-tieni kuntratt Dok JMC2.

Xehed ulterjorment (fol 101-104)[1] u qal meta gew biex jiffirmaw it-tieni kuntratt, Tony Muscat kien dejjem bl-iskuzi biex jigi ghand in-Nutar u thassru diversi appuntamenti, b'hekk in-Nutar qaltlu tista' tiehu l-iskrittura u ggib il-firma tal-intimati.

Xehed ulterjorment (fol 124-128)[2] u qal, li fil-bidu kull gimgha, l-intimat kien jitolbu l-flus, u kien ighidlu li jrid il-flus biex ihallas lil haddiehor. Qal li gieli rahom b'ghajnejh imorru fuqu u jitolbuh il-flus. Spjega li hu ma kellux biex jaghtih l-ammont kollu li talbu l-intimat, b'hekk kien tah it-€18,000 aktar tard.

Xehed ulterjorment (fol 161-168)[3] u qal li beda jsellef il-flus lill-intimat xi sitt snin ilu, u l-intimat kien jigi d-dar kuljum jitlob il-flus, qatt ma ftiehem mieghu fuq imghax, u l-intimat qatt ma tah ricevuta tal-hlasijiet, u qatt ma ffirma li ricieva l-flus minghandu. Qal li meta tah it-€18,000, tahomlu quddiem Neil Holt, ma' min kien jahdem l-intimat. Qal li s-self li tah jidher kollu fiz-zewg skritturi, u li m'hemmx self iehor ghajr dak imsemmi fl-iskritturi.

**Tony Muscat** xehed (fol 45-52)[4] u qal li hu xogholu *f'time share* u jaf lir-rikorrent minn hemm. Qal li kellu relazzjoni

[1] Seduta tat-13 ta' Ottubru 2015.
[2] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2016.
[3] Seduta tal-1 ta' Gunju 2017.
[4] Seduta tal-10 ta' Lulju 2014.

tajba hafna mar-rikorrent u li kull meta talbu flus ir-rikorrent selfu l-flus u hu kien itihomlu. Dejjem hallsu u kien ihallas bl-imghax. Hu xehed li ssellef biss €18,000. Qal li f'Dicembru 2012 kien talbu dan l-ammont. Qal li r-rikorrent kien tah dan l-ammont quddiem l-imghallem tieghu Neil Holt. Qal li l-flus fl-ammont ta' €18,000 hadhom qabel mar ghand in-Nutar. Qal li l-iskrittura hi ffirmata minnu u minn martu. Qal li hu tah lura €1,800 lura izda l-ammont l-iehor mitlub mir-rikorrenti jirraprezenta imghaxijiet. Mistoqsi jekk ghandux x'juri li hallas dan l-ammont wiegeb li r-rikorrent kien jiktibhom.

Xehed ulterjorment (fol 107a-l)[5] u mistoqsi hux jaghraf il-firma tieghu a fol 7 f'Dok JMC2 u kkonferma ghall-firma a fol 7 u 8. Mistoqsi la qed isostni li ma hax l-ammont ta' €27,000 ghaliex iffirma l-iskrittura li hadhom, qal li kienu ilhom sejrin hekk, izda mistoqsi allura ghaliex iffirma t-tieni darba, qal ma ffirmax darbtejn, darba minnhom gie d-dar biex jiffirmalu l-iskrittura u ffirma hemmhekk. Qal li telghu izjed minn ghaxart elef. Semma li kien hemm imghax ta' madwar ghaxart elef. Qal li ma hax ammont ta' €27,000, ha t-€18,000 u l-bqija imghaxijiet, u qal li matul is-snin kien ilu jaqla flus minn fuqu. Qal li flus dovuti lir-rikorrent hemm izda mhux dawk li qed jitlob hu, ghandu jinghata l-ammont ta' €17,000. Mistoqsi ghalfejn waqqaf il-pagamenti ta' l-ammont ta' €27,000 qal li ghaliex daqshekk kien haqqu ma kienx haqqu izjed. Hu kkonferma li ghandu jaghti l-flus lir-rikorrent izda mhux l-ammont li qed jitlob hu.

---

[5] Seduta tal-21 ta' Frar 2016.

In **kontro-ezami** (fol 56-59)[6] hu ddikjara li ma jafx jaqra. Jikkonferma l-firma tieghu a fol 7. Qal li hu nghata biss l-ammont ta' €18,000 mill-intimat u mhux l-ammont li jidher fil-kuntratt precedenti tal-2011 ta' €27,000, u qal li dawn jirraprezentaw l-ammonti li kien hallas. Waqaf ihallas ghaliex ma baqax jahdem fejn kien, cioe` fit-*timeshare.*

Hu xehed ulterjorment (fol 151-160)[7] u qal li gharaf iz-zewg skritturi u li t-tieni skrittura ma riedx jiffirmaha izda r-rikorrent kien dam jiffittah biex jiffirma. Hu sostna li l-ammont ta' €18,000 qatt ma kien tah flus, dawk kollha bl-uzura. Qal li r-rikorrent kien ghaddielu flus izda mhux l-ammont ta' €18,000, izda €13,000. Semma li mill-ammont ta' €18,000 kien diga thallas ta' €5,000 minghand l-imghallem tieghu. Qal li t-€18,000 kien ha fl-2011 u qal li ghandu jaghti xi €15,000.

In **ri-ezami** qal, rigward, is-€27,000, hu diga kien hallsu ta' dawn, u kienu jirrapprezentaw dak li kellu jtih ta' qabel. Mistoqsi jekk in-Nutar gibditlux l-attenzjoni li jiddikjaraw l-ammont li hu rcieva, qal li iva.

**Frida Muscat** xehdet (fol 62-71)[8] u qalet li lir-rikorrenti tafhom meta marret darba ghand in-Nutara San Pawl il-Bahar, biex iffirmaw skrittura li r-rikorrent kien sellef €18,000 lir-ragel taghha. Murija l-kuntratt a fol 26 Dok JMC1, u Dok JMC2 a fol 29 u tikkonferma l-firma taghha fuq DOK JMC2 izda mhux fuq Dok JMC1.

[6] Seduta tat-28 ta' Ottubru 2014.
[7] Seduta tal-1 ta' Gunju 2017.
[8] Seduta tad-9 ta' Jannar 2015.

In **kontro-ezami** qalet, li hi darba taf li marret tiffirma skrittura ta' self. Qalet li zewgha qatt ma cahad li ssellef l-ammont ta' €18,000 li kien zamm hu, u ma tafx ghalfejn issellifhom, hi kemm iffirmat u ma tafx b'ammonti ohra. Qalet li ffirmat darba biss.

In **kontro-ezami** (fol 142-147)[9] ikkonfermat il-firem taghha fuq dokumenti JMC1 u JMC2 izda qalet li qatt ma kienet involuta f'affarijiet ta' zewgha. Qalet li l-ammont ta' €18,000 taf bih u nfurmawha zewgha u r-rikorrent b'dan l-ammont, u kienet saret taf b'dan ghand in-Nutara wkoll, peress li meta ffirmat l-ewwel skrittura kien issemma dan l-ammont izda ma saritx skrittura fir-rigward ta' dan l-ammont ghax il-flus kienu ghad ma ghaddewx.

Xehdet ulterjorment (fol 80-82) (fol 88-91)[10] u pprecizat li l-kuntratt li hi kienet iffirmat ghand in-Nutar kien fix-xitwa filwaqt li tiftakar li f'okkazjoni wahda fis-sajf kienu gew ihabbtu d-dar sabiex tiffirma kuntratt, u bdiet tibza' tiffirma tant li lanqas kellha biro u kellha tmur titlob lin-nies biex jaghtuha biro ha tiffirma. Qalet li meta kienu gew ghandha Jennifer Chircop, Joseph Chircop u binhom kienu aggredewha, u ppersistew li tiffirma u kienet anke ghamlet rapport l-Ghassa.

**In-Nutara Francesca Portelli** (fol 83-87)[11] b'referenza ghall-kuntratt esebit a fol 4 tal-process, Dok JMC1 qalet li r-rikorrent kien kellimha rigward l-iskrittura, hi kkonfermat li din kient redatta minnha u peress li kien hemm diversi

---

[9] Seduta tal-21 ta' Marzu 2017
[10] Seduta tal-5 ta' Mejju 2015; Seduta tat-2 ta' Gunju 2015.
[11] Seduta tal-5 ta' Mejju 2015.

diffikultajiet u ghamlu diversi appuntamenti biex isir il-kuntratt, b'hekk ghaddiet l-iskrittura lil Chircop biex ikun jista' jgib il-firem ta' Muscat.

**In kontro-ezami** qalet, li hi nizlet fuq il-kuntratt l-ammont li kien diga ghadda ghalkemm ir-rikorrent kien semmielha ammont akbar.

In **ri-ezami** ipprecizat li hija kienet qalet li jekk kienu ghaddew biss l-ammont ta' €27,000 issir l-iskrittura fuq dan l-ammont imbaghad meta jinghataw flus ohrajn terga' ssir skrittura fuq dak l-ammont. Semmiet li kien hemm diversi appuntamenti biex isir it-tieni kuntratt u anke kkuntatjat hi lis-Sur Muscat izda kull darba Muscat ma kienx jitfacca.

**Jennifer Chircop** xehdet (fol 93-100) u qalet li taf li l-intimat ried jissellef flus mighand zewgha u kien qallu li lest ihallas €750 fix-xahar, u mbaghad kien talbu wkoll ammont iehor ta' €18,000 ghal Dicembru 2012, u l-flus ghaddew qabel saru l-iskritturi. Qalet li ghat-tieni kuntratt Tony Muscat kull darba ma kienx jitfacca u jithassar l-appuntament, ghalhekk, marru d-dar tas-Sinjura Muscat biex tiffirma.

## <u>Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>

Jibda biex jinghad, li mar-rikors promotur, gew esebiti zewg skritturi Dok JMC1 u Dok JMC2 redatti min-Nutar Francesca Borg.

F'Dok JMC1, hemm indikat li:

*"Dan is-self qieghed isir taht is-segwenti pattijiet u kundizzjonijiet:*

1. *Il-partjiet fuq dan l-att, qeghdin jaqblu li tali somma ghandha tithallas lill-kredituri mid-debituri f'pagamenti ugwali ta' sebgha mija u hamsin ewro €750 fil-gimgha, bl-ewwel pagament isir fis-7 ta' Jananr 2012, u dan sakemm tithallas lura s-somma mislufa kollha.*
2. *Ma jiddekorri l-ebda mghax.*
3. *Il-partijiet qeghdin espressament jaqblu illi jekk id-debituri ma jonorawx dan il-ftehim, il-kredituri jkollhom il-jedd minghajr il-htiega ta' ebda forma ta' interpellazzjoni jew formalita ohra li jitolbu li s-self maghmul minnhom isir pagabbli minnufih, u d-debituri jitilfu ipso jure kull beneficcju tat-terminu."*

F'Dok JMC 2, hemm indikat is-segwenti:

*"Dan is-self qieghed isir taht is-segwenti pattijiet u kundizzjonijiet:*

*1. Il-partijiet fuq din l-iskrittura, qeghdin jaqblu li tali somma ghandha tithallas lill-krediti mid-debituri li jaccettaw li jhallsu u jroddu lura s-somma dovuta kollha f'pagamenti ugwali ta' €200 fil-gimgha u liema pagament jibqa' jithallas kull gimgha sakemm tithallas lura s-somma kollha.*
*2. Ma jiddekorri l-ebda imghax.*
*3. Il-partijiet qeghdin espressament jaqblu illi jekk id-debituri ma jonorawx dan il-ftehim, il-kredituri jkollhom il-jedd minghajr il-htiega ta' ebda forma ta' interpellazzjoni jew formalita` ohra li jitolbu li s-self maghmul minnhom lid-*

*debituri isir pagabbli minnufih, u d-debituri jitilfu ipso jure kull beneficcju tat-terminu."*

F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-kliem tal-ftehim huwa car u inekwivoku (*contra scriptum testimonium non fertur*).[12] Il-principlji legali in tema tal-istitut tal-kuntratti huma stabbiliti fil-gurisprudenza taghna u ftehim kontrattwali jitqies li jinvoka lill-partijiet – *"pacta sunt servanda*" kif enuncjat bl-**artikolu 992 tal-Kodici Civili ta' Malta**. Il-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u hi l-volonta tal-kontraenti kif espressa li trid tipprevali u trid tigi osservata.

-Ara fuq din it-tema legali **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et**, - P.A. 30 ta' Mejju 2002; **Onor. Edgar Cuschieri nomine vs Perit Gustavo R. Vincenti** – Qorti tal-Appell – 13 ta' Frar 1950; **Eric Schembri et noe vs Lewis Baldacchino**, Qorti tal-Appell deciza 11 ta' Novembru 1997; **Frank Salt Real Estate Ltd vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta` Sullivans Ltd.** - Qorti tal-Appell deciza fit-8 ta' Jannar 2010).

Dwar ir-regoli li jsawru l-istitut tal-kuntratti gie stabbilit li meta ftehim ikun inkorporat f'kitba:

(a) l-provi orali huma ammissibli biss biex jiccaraw xi punti dubjuzi tal-kitba;
(b) il-provi orali jistghu jitressqu biex tigi imfissra ahjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-izjed jekk dak li nkiteb ikun tnizzel b'mod ambigwu jew biex jigi ppruvat xi fatt incidentali jew accessorju kompatibbli mal-istess kitba

[12] Appell Civili – 26 ta' Mejju 1952, **Morana vs Spiteri**.

(**General Cleaners Co. Ltd. vs L-Avukat Generali et**, P.A. (RCP) deciza fid-29 ta' Novembru 2001; u
(c) li r-regola tibqa' fis-sehh sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm zball jew thalla barra xi patt ghal raguni specjali.

Fil-kaz in ezami, dawn il-principji jridu jinqraw fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet miktuba, hekk kif indikati fl-iskritturi privati imsemmija, liema skritturi huma debitament iffirmati kemm mir-rikorrenti u mill-intimati, kif ammess mill-istess intimati fix-xhieda taghhom. Huwa insenjat, l-prova dokumentarja ma tistax titwaqqa jekk mhux ghal ragunijiet serji.

Illi l-indagini li ghandha taghmel din il-Qorti hi li tiddetermina fl-ewwel lok, l-ammont tas-somma mislufa, u fit-tieni lok, trid tigi mistharrga l-kwistjoni tal-allegata uzura.

Illi hu pacifikament akkolt, li l-prova tal-pagament trid issir minn min jallegaha. Hawnhekk issir referenza ghall-kaz **Lombard Bank Malta plc vs H. Vassallo & Sons Ltd. et,** Appell Numru 172/2004 – 29 ta' Frar 2008, fejn gie ritenut:

*"Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi 'la prova del pagamento e a peso del convenuto che lo allega', kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1985 fil-kawza* ***Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech****. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolt favur l-attur* (**Vol XXXV.iii.604**).

Difatti, l-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet **Johann Schembri pro et noe vs Charlot Mifsud** datat 19 ta' Ottubru 2005, rreferiet ghall-principji li jirregolaw il-prova tal-pagament.

1. Huwa principju pacifiku illi l-piz ta' prova tal-pagament hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Dan ghaliex una volta eccepixxa l-pagament kien jispetta lilu li jipprova dan b'mod konvincenti u konklussiv. (Ara **Joe Chetcuti et vs Joseph pearson et noe**, Appell - 5 ta' Ottubru 1998).

2. Huwa imbaghad pacifikament maghruf illi *"l-pagament jista' jigi ppruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-prezunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lill-gudikant."* (**Emanuele Bezzina vs Emmanuele Attard et,** Qorti Civili Prim' Awla - 12 ta' Frar 1959).

3. Hu wkoll generalment accettat, illi f'kaz ta' dubju referibbilment ghall-pagament dan kellu jkun rizolt favur l-attur - kreditur li ma kienx aggravat bl-oneru fuq imsemmi. (Ara **Angelo Scicluna vs John Scerri**, Qorti tal-Kummerc – 30 ta' Mejju 1951, konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1951).

Ghalhekk, il-piz tal-prova tal-pagamenti jinkombi fuq id-debitur u r-ricevuti huma l-ahjar prova li jkun sar il-hlas, izda l-pagament jista' jkun ippruvat ohra b'indizji ohrajn li jirrizultaw mill-provi. Ir-rikorrent fl-affidavit tieghu

ikkonferma, li l-intimat kien hallsu lura l-ammont ta' €750 fis-7 ta' Jannar 2012, u wara gimgha kien tah €500, u anke €300, izda sussegwentement il-hlasijiet waqfu hesrem. L-intimat, fix-xhieda tieghu in kontro-ezami qal, li hu kien hallas ammont u ghad ghandu jaghti xi €13,000 lir-rikorrent. Izda, jigi nnutat li l-intimat ma kienx wisq konsistenti fix-xhieda tieghu dwar dan, u f'kull kaz, dak allegat mill-intimati dwar il-hlasijiet li diga saru, mhumiex sostanzjati la b'ricevuti u lanqas b'indizji jew xhieda ohra li jikkorroboraw it-tezi taghhom.

Mhuwiex ikkontestat li l-intimati sselfu l-flus minghand ir-rikorrenti. Jinsab in kontestazzjoni l-ammont misluf. Jigi osservat li l-intimati t-tnejn ikkonfermaw fix-xhieda taghhom, li hemm ammont dovut lir-rikorrenti izda l-ammont dovut mhuwiex dak reklamat mir-rikorrenti. Ghalhekk, fil-kaz in ezami, johorgu zewg verzjonijiet kontrastanti. Illi kif ritenut fil-kaz **Conrad Gatt et vs George Xuereb et,** Prim' Awla - 14 ta' Frar 2017:

*"Illi dwar l-aspett ta' kif il-Qorti tqis min ghandu jitwemmen, il-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatarju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubbju ragonevoli. Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu ikunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (Ara **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et,** P.A. (NC) - 28 ta' April 2004).*"

Fil-kaz **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,** il-Qorti tal-Appell Inferjuri, deciza fl-24 ta' Marzu 2004, f'kaz ta' kunflitt ta' provi fil-kamp civili, rriteniet hekk:

"*Huwa pacifiku f'materja ta' kunflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra;*

*2. Li fin-nuqqas tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*(Ara* ***Fogg Insurance Agencies Ltd. noe vs Maryanne Theuma****, Appell Sede Inferjuri - 22 ta' Novembru 2001).*

*Ghalhekk, il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc ta' probabilitajiet u tal-prepondereanza tal-provi, ghax dawn f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol. L pII p440)."*

(Ara wkoll **Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta vs Difesa**, P.A. (PS) - 28 ta' Mejju 2003; **Bugeja vs Meilak**, P.A. (TM) - 30 ta' Ottubru 2003; u **Paul Gauci et vs Dominic Farrugia et**, P.A. (JZM) - 29 ta' Mejju 2014).

F'kazijiet simili fejn ikun hemm provi kontradittorji, il-Qorti ghandha tikkunsidra tali verzjonijiet b'kalibrazzjoni mal-provi mressqa mill-partijiet li ghandhom indole oggettiva.

Kif jinghad fid-decizjoni **John Pace noe vs Kenward Cole noe**, P.A. – 26 ta' Frar 2001, fejn gie ribadit:

*"Il-Qorti tibda billi tirrileva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggjenti, ikollha tirreferi u toqghod mhux biss fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet imma testendi l-indagini taghha fuq il-provi dokumentali u/jew indizjarji li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza."*

Illi fix-xhieda tieghu, l-intimat sostna li hu affettwa pagamenti u kien ilu jaffettwa pagamenti. Izda, kif diga inghad, dan il-fatt allegat mhuwiex sufficjentement ippruvat u sostanzjat bi provi ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti ghajr ghall-pagamenti fuq self antecedenti. Jigi osservat ukoll li r-rikorrent stess qal li kien ilu jsellef flus lill-intimat ghal xi snin qabel u dejjem hallsu. Ghalhekk ma sab l-ebda diffikolta biex jerga' isellfu. Dwar is-self in mertu, m'hemmx indikat bi preciz x'pagamenti saru salv ghall-pagamenti ammessi mir-rikorrent ta' €750, l-€500 u t-€300, b'kollox €1,550. Dwar pagamenti ohra allegati mill-intimat, m'hemm l-ebda prova cara dwar kif l-intimat sostna fl-ahhar xhieda tieghu, li hu ghandu jaghti biss ammont ta' €13,000 mit-€18,000 li hu qed jikkonferma li gew mislufa lilu. Fir-risposta tieghu l-intimat sostna li ghandu jaghti biss l-ammont ta' €18,000. Mix-xhieda tan-Nutara, jirrizulta, li ghat-tieni skrittura privata, u cioe` Dok JMC2, l-intimat, ghalkemm hi ikkonfermat li kellmitu minhabba l-appuntamenti bit-telefon, kull darba kien jonqos li jidher tant li thassru diversi appuntamenti, u fl-ahhar kellha ssir l-iskrittura u nghatat lir-rikorrent sabiex imur igib il-firma tal-intimati. L-intimati kkonfermaw il-firma taghhom fuq id-

dokument, izda jidher manifestament car li huma ma kkoperawx sabiex jigi ffirmat il-ftehim, anzi kien hemm certa riluttanza da parti taghhom, *nonostante* l-fatt li kkonfermaw li huma nghataw bhala self l-ammont ta' €18,000. Jigi nnutat ukoll, li l-intimat meta mistoqsi domandi in kontro-ezami ma weriex konsistenza u kien kemmxejn evaziv fit-twegibiet tieghu. Lanqas ma gie ppruvat xejn rigward dak sostnut fil-hames eccezzjoni, li gew imnaqqsa flus u pagamenti fuq is-somma ta' €18,000.

Ghalhekk, fuq stregwa tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza nostrana u fid-dawl tal-provi prodotti, din il-Qorti hija konvinta li l-verzjoni tar-rikorrenti hija aktar verosimili, meta komparata mal-verzjoni moghtija mill-intimati.

Inoltre, referibbilment ghall-ammont l-iehor li jidher f'Dok JMC1, l-ammont ta' €27,000, l-intimati *tramite* l-eccezzjonijiet, u anke fin-nota ta' sottomissjonijiet qed isostnu li dawk jirraprezentaw imghaxijiet gholja fuq flus li diga thallsu. Ghalhekk, l-intimati qed jallegaw uzura da parti tar-rikorrenti. L-uzura hija akkuza serja u ghalhekk hu mistenni li min jallegaha igib il-prova taghha. Ghalhekk dak sostnut fis-sitt u s-seba' eccezzjoni tal-intimati ma giex bl-ebda mod ippruvat, kwindi tichad is-sitt u s-seba' eccezzjoni. Ghaldaqstant, fil-kaz in ezami, l-intimati, li fuqhom jinkombi l-piz tal-prova tal-uzura, ma ressqu ebda provi in sostenn ghall-eccezzjoni u ghall-allegazzjonijiet taghhom.

Illi gie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, li huwa ferm dubbjuz li l-flus m'ghaddewx quddiem in-Nutar u

li fiz-zewg skritturi privati, hemm indikat li m'hemmx imghax fuq is-self moghti. Madankollu dawn mhumiex provi u indizji izda biss supozizzjonijiet. Jigi osservat, li hemm divergenza bejn lil-kuntratt u t-tieni skrittura privata fis-sens, li f'Dok JMC 2 hemm indikat fir-raba' paragrafu, li ghandu jkun hemm ammont ta' imghax ta' tmienja fil-mija (8%), jekk il-ftehim ma jigix onorat. Illi klawsola simili ma kinitx inserita fil-kuntratt Dok JMC1.

*In vista* tas-suespost, dak allegat mill-intimati mhuwiex sostanzjat sufficjentement bil-provi. *Di piu`*, l-intimat innifsu in kontro-ezami kkonferma, li meta kien prezenti ghand in-Nutara ghall-kuntratt, in-Nutara kienet spjegatlu li l-ammont li qed jitnizzel fl-iskrittura hu dak l-ammont li hu kien ircieva. Ghaldaqstant, jigi dedott, li l-ammonti mitluba fir-rikors promotur huma dovuti.

Ghar-rigward tat-talbiet attrici, din il-Qorti ser tnaqqas l-ammont ta' €1550 mill-bilanc reklamat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, **taqta** u **tiddeciedi** billi, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tiddikjara li l-intimati flimkien u solidalement bejniethom huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u erbghin elf u erba' mija u hamsin ewro (€43,450) u kwindi tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont ta' €43,450 flimkien ma' l-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Ottubru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Ottubru 2018**